



Kunsill  
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 1 ta' Lulju 2020  
(OR. en)

9255/20  
ADD 1

---

**Fajl Interistituzzjonali:**  
**2020/0129(NLE)**

---

**AELE 6**  
**FEROE 1**  
**PECHE 168**  
**IND 88**

## PROPOSTA

|                   |                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                          |
|-------------------|----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| minn:             | Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea,<br>iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur                                                                                                                                                                                                                                                          |
| data meta waslet: | 26 ta' Ġunju 2020                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                        |
| lil:              | Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea                                                                                                                                                                                                                                                                      |
| Nru dok. Cion:    | COM(2020) 267 final                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                      |
| Suġġett:          | ANNESS tal- Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Komitat Konġunt stabbilit skont il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea minn naħa waħda, u l-Gvern tad-Danimarka u l-Gvern Lokali tal-Gżejjer Faeroe min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni tal-emendi tal-Protokoll 1 u 4 tal-Ftehim |

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2020) 267 final.

Mehmuż: COM(2020) 267 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 26.6.2020  
COM(2020) 267 final

ANNEX

## **ANNESS**

**tal-**

### **Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill**

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Komitat Konġunt stabbilit skont il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea minn naħa waħda, u l-Gvern tad-Danimarka u l-Gvern Lokali tal-Gżejjer Faeroe min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni tal-emendi tal-Protokoll 1 u 4 tal-Ftehim**

## **ABBOZZ**

### **TAD-DEĊIŻJONI Nru .../... TAL-KUMITAT KONĠUNT KE/GŻEJJER FAEROE ta' ... 2020**

**li temenda l-Protokoll 1 u 4 tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u l-Gvern tad-Danimarka u l-Gvern Lokali tal-Gżejjer Faeroe, min-naħa l-oħra**

#### **IL-KUMITAT KONĠUNT,**

Wara li kkunsidraw il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u l-Gvern tad-Danimarka u l-Gvern Lokali tal-Gżejjer Faeroe, min-naħa l-oħra<sup>1</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 34(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Il-Protokoll 1 tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u l-Gvern tad-Danimarka u l-Gvern Lokali tal-Gżejjer Faeroe, min-naħa l-oħra ("il-Ftehim") jikkonċerna t-trattament tariffarju u l-arranġamenti applikabbli għal ċerti ħut u prodotti tas-sajd rilaxxati għal ċirkolazzjoni libera fl-Unjoni Ewropea jew importati fil-Gżejjer Faeroe. L-Anness tal-Protokoll 1 jindika d-dazji doganali preferenzjali u l-kundizzjonijiet l-oħra li għandhom jiġu applikati fuq l-importazzjonijiet fl-Unjoni Ewropea ta' prodotti li joriġinaw minn jew li ġejjin mill-Gżejjer Faeroe.
- (2) Il-Gżejjer Faeroe ressqu talba abbażi tal-Artikolu 36 tal-Ftehim biex il-kodiċijiet NM 0303 53 90 u 1604 13 90 jiżdedu mal-Anness tal-Protokoll 1 tal-Ftehim. L-Unjoni Ewropea tikkunsidra, wara l-eżami tas-suq rilevanti, li dawn il-prodotti jistgħu jiġu importati mingħajr dazju fl-Unjoni Ewropea u mingħajr restrizzjonijiet kwantitattivi.
- (3) Il-Protokoll 4 tal-Ftehim jikkonċerna d-dispożizzjonijiet speċjali applikabbli għall-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti agrikoli għajr dawk elenkati fil-Protokoll 1.
- (4) Skont l-Artikolu 1 tal-Protokoll 4 tal-Ftehim, l-Unjoni Ewropea inizzjalment tat konċessjonijiet tariffarji għall-għalf tal-ħut tal-Gżejjer Faeroe, fir-rigward ta' kwota tariffarja mingħajr dazju annwali ta' 5 000 tunnellata. Din il-kwota tariffarja bla dazju ġiet emendata bid-Deċiżjoni Nru 2/98 tal-Kumitat Konġunt KE/Danimarka-Gżejjer Faeroe<sup>2</sup>, li żdiedet għal 10 000 tunnellata mill-1 ta' Jannar 2000 u bid-Deċiżjoni Nru 1/2007 tal-Kumitat Konġunt KE/Danimarka-Gżejjer Faeroe<sup>3</sup>, li żdiedet għal 20 000 tunnellata u bil-kundizzjoni li l-għalf tal-ħut li jibbenefika mir-reġim preferenzjali ta' importazzjoni ma jkollux glutina miżjuda.
- (5) Il-Gżejjer Faeroe talbu li jiġi emendat il-Protokoll 4 tal-Ftehim billi jitneħħew ir-restrizzjonijiet fuq il-glutina miżjuda li tinsab fl-għalf tal-ħut li jibbenefika mit-trattament preferenzjali, peress li l-glutina saret materja prima essenzjali fil-kompożizzjoni tal-għalf tal-ħut.
- (6) L-Artikolu 2 tal-Protokoll 4 tal-Ftehim jelenka l-prodotti li joriġinaw mill-Unjoni Ewropea, li jaqgħu taħt il-Kapitolu 1 sa 24 tas-Sistema Armonizzata, li għalihom il-Gżejjer Faeroe ma jagħtux libertà minn tariffi u dazji meta jiġu importati fil-Gżejjer Faeroe.

---

<sup>1</sup> ĠU L 53, 22.2.1997, p. 2.

<sup>2</sup> ĠU L 263, 26.9.1998, p. 37.

<sup>3</sup> ĠU L 275, 19.10.2007, p. 32.

(7) L-Unjoni Ewropea talbet li tinfetħ kwota tariffarja bla dazju għall-kodiċi NM 0204, 0206 80 99, 0206 90 99, 0210 90 11, 0210 90 60, ex 0210 90 90, li huma elenkati fl-Artikolu 2 tal-Protokoll 4. Il-Gżejjer Faeroe jikkunsidraw li tista' tingħata kwota tariffarja bla dazju ta' 80 tonnellata ta' esportazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea ta' dawn il-prodotti, suġġetti għal perjodu ta' tranżizzjoni ta' tliet snin bi kwota tariffarja bla dazju ta' 40 tonnellata.

(8) Għalhekk, jenħtieġ li l-Protokoll 1 u 4 jiġu emendati skont dan,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIZZJONI:

### *Artikolu 1*

It-Tabella I fl-Anness tal-Protokoll 1 tal-Ftehim hija emendata kif ġej:

(1) Bejn il-kodiċi NM 0303 50 98 u l-kodiċi NM 0303 60 11, tiddaħħal ir-ringiela li ġejja:

|             |                                                        |    |  |
|-------------|--------------------------------------------------------|----|--|
| “0303 53 90 | – – – Aringi żgħar jew laċċi koħol (Sprattus sprattus) | 0” |  |
|-------------|--------------------------------------------------------|----|--|

(2) Bejn il-kodiċi NM 1604 12 99 u l-kodiċi NM 1604 19, jiddaħħlu ir-ringieli li ġejjin:

|            |                                                       |    |  |
|------------|-------------------------------------------------------|----|--|
| “1604 13   | – – Sardin, sardinelli u aringi żgħar jew laċċi koħol |    |  |
| 1604 13 90 | – – – Sardin:<br>– – – Oħrajn                         | 0” |  |

### *Artikolu 2*

Il-Protokoll 4 tal-Ftehim huwa emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 1

L-Unjoni Ewropea għandha tagħti lill-prodotti li joriġinaw minn u li ġejjin mill-Gżejjer Faeroe l-kwoti tariffarji li ġejjin:

| Kodiċi NM  | Deskrizzjoni                                 | Rata ta' dazju | Kwota tariffarja (TQ) fit-tonnellata |
|------------|----------------------------------------------|----------------|--------------------------------------|
| 0204       | Laħam tan-nagħaġ jew tal-mogħoż, frisk,      | 0              |                                      |
| 0206 80 99 | imkessaħ jew iffriżat                        |                |                                      |
| 0206 90 99 | Ġewwieni li jittiekel tan-nagħaġ u l-mogħoż, | 0              |                                      |
| 0210 90 11 | frisk jew imkessaħ                           | 0              |                                      |
|            | Ġewwieni li jittiekel tan-nagħaġ u l-mogħoż, | 0              |                                      |
| 0210 90 19 | iffriżat                                     |                |                                      |
|            | Laħam tan-nagħaġ jew tal-mogħoż, immellaħ,   | 0              |                                      |

|                                                 |                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                             |   |        |
|-------------------------------------------------|---------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|---|--------|
| 0210 90 60<br>ex 1601                           | fis-salmura, imnixxef jew affumikat, bl-għadma<br>Laħam tan-nagħaġ jew tal-mogħoż, immellaħ,<br>fis-salmura, imnixxef jew affumikat, mingħajr<br>għadma                                                                                                                                                                                                                                     | 0 | 20     |
| ex 1602                                         | Ġewwieni li jittiekel tal-laħam tan-nagħaġ jew<br>tal-mogħoż, immellaħ, fis-salmura, imnixxef jew<br>affumikat<br>Zalzett u prodotti simili, ta' laħam, ġewwieni tal-<br>laħam jew demm; preparazzjonijiet tal-ikel<br>ibbażati fuq dawn il-prodotti:<br>— Tan-nagħaġ u tal-mogħoż<br><br>Laħam, ġewwieni tal-laħam jew demm ieħor<br>preparat jew ppreservat:<br>— Tan-nagħaġ u tal-mogħoż | 0 |        |
| ex 2309 90 10<br>ex 2309 90 31<br>ex 2309 90 41 | Għalf tal-ħut                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                               | 0 | 20 000 |

”

(2) Jiżdied l-Artikolu 3 li ġej:

“Artikolu 3

Il-Gżejjer Faeroe għandhom jifih l-kwoti tariffarji li ġejjin għall-prodotti li joriġinaw minn  
jew li ġejjin mill-Unjoni Ewropea:

| Kodiċi NM     | Deskrizzjoni                                                                                   | Rata ta' dazju | Kwota tariffarja (TQ) fit-tunnellata |
|---------------|------------------------------------------------------------------------------------------------|----------------|--------------------------------------|
| 0204          | Laħam tan-nagħaġ jew tal-mogħoż, frisk, imkessaħ jew iffriżat                                  | 0              |                                      |
| 0206 80 99    | Ġewwieni li jittiekel tan-nagħaġ u l-mogħoż, frisk                                             | 0              | 40 fl-                               |
| 0206 90 99    | jew imkessaħ                                                                                   | 0              | 2020, fl-                            |
| 0210 90 11    | Ġewwieni li jittiekel tan-nagħaġ u l-mogħoż, iffriżat                                          | 0              | 2021 u fl-                           |
| 0210 90 60    | Laħam tan-nagħaġ jew tal-mogħoż, immellaħ, fis-salmura, imnixxef jew affumikat, bl-għadma      | 0              | 2022:                                |
| ex 0210 90 90 | Ġewwieni li jittiekel tal-laħam tan-nagħaġ jew tal-mogħoż, immellaħ, fis-salmura, imnixxef jew | 0              | 80 mis-sena 2023                     |

|  |                                                                                                     |  |  |
|--|-----------------------------------------------------------------------------------------------------|--|--|
|  | <p>affumikat</p> <p>Dqiq u pasti li jittiekl u tal-laħam jew tal-ġewwieni tan-nagħaġ u l-mogħoż</p> |  |  |
|--|-----------------------------------------------------------------------------------------------------|--|--|

”

(3) L-Anness I jitħassar.

### *Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ..., ....

*Għall-Kumitat Konġunt*

*Il-President*